DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## ĊAMA ĊAMA

*(M)*

## NINU

### RIDT TAF DWAR GĦAJNEJJA?

Għajnejja?... Inċident? Le - mhux li kien. Ma kienx inċident. Ma kien... xejn. Assolutament xejn. Mhux li kien kien inċident. Mhux li kien. Imma ebda raġuni. Ebda spjegazzjoni.

Hekk, għodwa waħda - sentejn ilu - qed inħares lejn il-muntanji mimlija silġ, Port Albert il-Kanada, xemx tiżreġ, kesħa tremenda... U bjuda - bjuda li tgħammex ma' kullimkien. Bjuda silġ kull fejn tħares. Bjuda li qatt ma tista' tara bħalha hawnhekk.

– U f'daqqa waħda ndawwar rasi, indawwar ħarsti, u ħlief bjuda ma nistax nara. Nerġa' nħares madwari, lejn fejn sekonda qabel ma kienx hemm għajr id-dell iswed ta' boskijiet, u xorta ħlief bjuda ma narax. Inħares 'l isfel mill-muntanji, lejn il-port - u l-istess - bjuda biss.

– Għall-ewwel... għall-ewwel ħsibt li kienet xi ħaġa ta' mument... Imma għaddew is-sekondi, il-minuti, ma nafx kemm... imbagħad... f'daqqa waħda... Waqgħet id-dalma. Mant iswed - bħal kieku ngħalqet purtiera. U ma nfetħitx iżjed. *(150)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

PDF QR?

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.